# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/615

## tal-4 ta' Mejju 2020

## li jistabbilixxi d-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali, applikabbli mill-5 ta' Mejju 2020

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 183 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010 ([2]) jipprevedi li, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 1001 11 00, 1001 19 00, ex1001 91 20 [il-qamħ komuni għaż-żrigħ], ex1001 99 00 [il-qamħ komuni ta' kwalità għolja minbarra dak għaż-żrigħ], 1002 10 00, 1002 90 00, 1005 10 90, 1005 90 00, 1007 10 90 u 1007 90 00, id-dazju tal-importazzjoni huwa daqs il-prezz tal-intervent li jgħodd għal dawn il-prodotti fil-waqt tal-importazzjoni tagħhom, biż-żieda ta' 55 % u bit-tnaqqis tal-prezz tal-importazzjoni tas-CIF applikabbli għall-kunsinna kkonċernata. Madankollu, dan id-dazju ma jistax jaqbeż ir-rata tad-dazju tat-Tariffa Doganali Komuni.

(2) L-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010 jipprevedi li, għall-finijiet tal-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu, kull tant żmien għandhom jiġu stabbiliti prezzijiet rappreżentattivi tal-importazzjoni tas-CIF għall-prodotti kkonċernati.

(3) Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010, il-prezz tal-importazzjoni li għandu jintuża għall-kalkolu tad-dazju tal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dak ir-Regolament huwa l-prezz rappreżentattiv tal-importazzjoni tas-CIF tal-ġurnata stabbilit skont il-metodu previst fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

(4) Sa mill-21 ta' Settembru 2017 id-dazju tal-importazzjoni tal-prodotti li joriġinaw mill-Kanada li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM 1001 11 00, 1001 19 00, ex1001 99 00 [il-qamħ komuni ta' kwalità għolja minbarra dak għaż-żrigħ] 1002 10 00 u 1002 90 00 għandu jiġi kkalkulat skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010.

(5) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti d-dazji tal-importazzjoni għall-perjodu li jibda fil-5 ta' Mejju 2020, li jkunu applikabbli sa ma jidħlu fis-seħħ dazji tal-importazzjoni ġodda.

(6) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010, jeħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Mill-5 ta' Mejju 2020, id-dazji tal-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali msemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010 għandhom ikunu stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament abbażi tal-fatturi msemmija fl-Anness II.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 642/2010 tal-20 ta' Lulju 2010 dwar regoli ta' applikazzjoni għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 dwar id-dazju ta' importazzjoni fis-settur taċ-ċereali (ĠU L 187, 21.7.2010, p. 5).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Mejju 2020.

*Għall-Kummissjoni*
*f'isem il-President,*
Wolfgang BURTSCHER
*Direttur Ġenerali*
*Direttorat Ġenerali tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

*ANNESS I*

**Id-dazji tal-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010 li japplikaw mill-5 ta' Mejju 2020**

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni tal-oġġetti | Dazju tal-importazzjoni [1] [2] (f'Euro għal kull tunnellata) |
|---|---|---|
| 1001 11 00 | Qamħ durum għaż-żrigħ | 0,00 |
| 1001 19 00 | Qamħ durum ta' kwalità għolja minbarra dak għaż-żrigħ | 0,00 |
| | Ta' kwalità medja minbarra dak għaż-żrigħ | 0,00 |
| | Ta' kwalità baxxa minbarra dak għaż-żrigħ | 0,00 |
| ex 1001 91 20 | Qamħ komuni għaż-żrigħ | 0,00 |
| ex 1001 99 00 | Qamħ komuni ta' kwalità għolja minbarra dak għaż-żrigħ | 0,00 |
| 1002 10 00 | Segala għaż-żrigħ | 10,40 |
| 1002 90 00 | Segala minbarra dik għaż-żrigħ | 10,40 |
| 1005 10 90 | Qamħirrum għaż-żrigħ minbarra l-qamħirrum ibridu | 10,40 |
| 1005 90 00 | Qamħirrum minbarra dak għaż-żrigħ [3] | 10,40 |
| 1007 10 90 | SORGU tal-qamħ minbarra dak ibridu għaż-żrigħ | 10,40 |
| 1007 90 00 | SORGU tal-qamħ minbarra dak għaż-żrigħ | 10,40 |

[1] Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 2(4) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010, l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fid-dazji ta':
— 3 Euro għal kull tunnellata, jekk il-port tal-ħatt ikun jinsab fil-Baħar Mediterran (lil hinn mill-Istrett ta' Ġibiltà) jew fil-Baħar l-Iswed u jekk il-merkanzija tasal fl-Unjoni mill-Oċean Atlantiku jew permezz tal-Kanal ta' Suez,
— 2 Euro għal kull tunnellata, jekk il-port tal-ħatt ikun jinsab fid-Danimarka, fl-Estonja, fl-Irlanda, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja, fir-Renju Unit jew mal-kosta tal-Atlantiku tal-Peniżola Iberika u jekk il-merkanzija tasal fl-Unjoni mill-Oċean Atlantiku.

[2] Għall-prodotti li joriġinaw fil-Kanada u li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 1001 11 00, 1001 19 00, ex 1001 99 00 (qamħ komuni ta' kwalità għolja għajr dak għaż-żrigħ), 1002 10 00, u 1002 90 00, id-dazju għandu jiġi kkalkulat skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010.

[3] stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 642/2010.

*ANNESS II*

**Fatturi għall-kalkolu tad-dazji stabbiliti fl-anness i**

1. Il-prezzijiet medji għall-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010:

(f'Euro għal kull tunnellata)

| | Qamħ komuni [1] | Qamħirrum |
|---|---|---|
| Il-Borża | ta' Minneapolis | ta' Chicago |
| Kwotazzjoni | 184,185 | 113,614 |
| Primjum fuq il-Golf | - | 21,584 |
| Primjum fuq l-Għadajjar il-Kbar | 41,446 | - |

[1] Primjum pożittiv ta' 14-il euro għal kull tunnellata inkorporata (l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010).

2. Il-prezzijiet medji għall-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 642/2010:

| | |
|---|---|
| Spejjeż għat-trasport: Il-Golf tal-Messiku – Rotterdam: | 11,434 |
| Spejjeż għat-trasport: L-Għadajjar il-Kbar – Rotterdam: | 37,737 |